MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Rikors Numru. 58/2006/1

**Andrew Meli bhala prokuratur ta' l-assenti Anne Meli nee' Borg**

**vs**

**Joseph u Catherine konjugi Micallef**

Il-Bord

Ra r-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti talab lill-Bord jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond hawn imsemmi u jawtorizza l-izgumbrament tal-intimat bl-ispejjez kontra tieghu wara li ppremetta:

"Illi l-esponent nominee jikri lill-intimati l-fond 120, Triq Blanche Huber, Sliema bil-kera ta' Lm90 fis-sena, liema kera tithallas kull tlett xhur bil-quddiem.

Illi l-intimati baqghu moruzi fil-hlas tal-kera billi ghalkemm gew interpellati bi tliet ittri ufficjali pprezentati fit-30 ta' Novembru, 2001 ghall-iskadenzi bejn l-1 ta' Gunju, 1999 sat-30 ta' Novembru, 2001, fl-20 ta' Marzu 2002 ghall-iskadenza bejn l-1 ta' Dicembru, 2001 sa l-1 ta' Marzu 2002, u fl-20 ta' Lulju 2005 ghall-iskadenza kollha bejn l-1 ta' Marzu, 2002 u l-1 ta' Marzu 2005, kif ukoll permezz ta' ittra li ggib id-data tat-2 ta' Mejju 2006 ghall-iskadenza bejn l-1 ta' Gunju 2005 sal-31 ta' Mejju 2005 (li kopja taghhom qed tigi annessa u mmarkati rispettivament dokument B, C, D u E) naqsu milli jhallsu l-kera skond il-ligi fi zmien hmistax-il gurnata minn meta gew interpellati biex ihallsu.

Ra illi l-intimati debitament notifikati bil-procedura kontra taghhom baqghu ma dehrux ghal dawn il-proceduri u anqas irregistraw risposta ghar-rikors promutur;

Illi minkejja dan, r-rikorrenti ikkonferma r-rikors tieghu bil-gurament u xehed illi ma kien hemm ebda kambjament minn meta intavola r-rikors.  Oltre dan, il-Bord ra ukoll l-ittri interpellatorji tar-rikorrenti;

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jawotirzzaha tirriprendi pussess tal-fond 120, Triq Blanche Huber, Sliema u jordna

Iill-intimati jizgombraw mill-fond fi zmien xahar mil-lum, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------